MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 172/2012

**GO plc – C-22334**

**vs**

**Fenech Beatrix – ID418583-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandi taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija hamsa u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu (€925.19c) in konnessjoni ma' *Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40142412)* u li jinkludi telefom 21576678; servizz ta' televizjoni 1425096636 u 1425096637, u servizz ta' ADSL, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Jannar 2010. Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti mehmuza, u cioe' Dok. A – prospett relattiv ghall-kont numru AC40143412, Dok. B – kuntratt datat 13 ta' Jannar 2010, Dok. C – estratt mir-registru elettorali, u Dok. D – ittra ufficjali 256/12.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija hamsa u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu (€925.19c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------